MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**GEOFFREY VALENZIA**

Seduta tad-29 ta' Ottubru, 2004

Citazzjoni Numru. 297/1993/1

**Grace mart Rocco sive Ronnie Borg u l-istess Ronnie Borg bhala amministratur tal-beni parafernali ta' martu u Grace Borg bhala prokuratrici ta' l-assenti Anne mart Emmanuel Saliba u l-istess Emannuel Saliba bhala amministratur tal-beni parafernali ta' martu.**

**Vs**

**Carmela mart Carmelo Gauci u l-istess Carmelo Gauci bhala amministratur tal-beni parafernali ta' martu.**

**Il-Qorti.**

**Preliminari**

Rat **l-att tac-citazzjoni** li permezz taghha gie premess illi fis-7 ta' Jannar mietet Maria Sammut li tigi omm il-kontendenti (Dok A)

Premess illi missier il-kontendenti Saviour Sammut miet fit-12 ta' Marzu, 1942 (Dok B)

Permess illi l-imsemmija Maria Sammut kienet ghamlet testment redatt quddiem in-Nutar Chappelle datat 10 ta' Marzu, 1970 fejn il-kontendenti kienu nominati eredi universali tal-imsemmija Maria Sammut (Dok C)

Premess illi l-eredi ma jixtiqux jibqghu jipposedu in komuni l-eredita gjacenti.

Ghaldaqstant l-atturi talbu lil din il-Qorti, prevja kull dikjarazzjoni necessarja u opportuna:

1. Tordna l-likwidazzjoni tal-beni formanti ta' l-imsemmija eredita ta' Maria sammut.

2. Tordna li jsiru l-konferimenti dovuti skond l-imsemmi testment datat 10 ta' Marzu 1970 redatt quddiem in-Nutar Chappelle, jigi diviz f'erba' kwoti u porzjonijiet ugwali li jigu assenjati bix-xorti jew altrimenti lill-kontendenti f'din il-kawza.

3. Tinnomina perit arkitett biex jaghmel pjan ta' qasma Nutar biex jircievi l-att relattiv u kuraturi biex jirrappresentaw l-eventwali kontumacja fuq l-att relattiv.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-atturi a fol. 3 tal-process;

Rat **in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti** a fol. 19 tal-process fejn jeccepixxu:

1. Illi huma ghandhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju billi messu intalab ukoll il-likwidazzjoni u divizjoni tal-komunjoni tal-akkwisti gia' esistenti bejn Maria

Sammut u zewgha Saviour Sammut u tal-assi partikolari ta’ Saviour Sammut.

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat **in-nota ta’ l-eccezzjonijiet** tal-konvenuti Polly mart alexander Zammit u l-istess Alexander Zammit a fol 23 tal-process fejn eccepixu :

Illi l-eccipjenti ma jopponux ruhhom ghad-divizjoni salv il-verifika tal-assi u l-verifika tal-kwoti.

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezibiti;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-digriet taghha a fol. 35;

Rat ir-relazzjoni tal-Perit Fredrick Doublet;

Rat in-noti tal-partijiet;

Semghet it-trattazzjoni ta’ l-Avukat difensuri;

**Relazzjoni Perit**

Il-Perit nominat min dina l-Qorti , wara li semgha x-xhieda tal-partijiet, wara li ghamel deskrizzjoni tal-postijiet u wara li hadem il-valutazzjoni taghhom, qasam il-propretajiet f’erba ishma  kif hemm dettaljatament spjegat a fol. 140 sa 142.  Hu ssuggerixxa li dawn l-ishma ghandhom jigu assenjati kif gej:

Sehem numru 1 lill Carmela Gauci, peress illi toqghod fil-post.
Sehem numru 2 lill Polly Zammit peress illi toqghod fil-post.
Waqt li l-ishma  numri 3 u 4 jittellghu bix-xorti bejn iz-zewg werrieta l-ohra.

## Nota spjegativa tal-Perit Tekniku

Wara li sarilu eskuzzjoni, il-Perit pprezenta nota spjegattiva ta' xi emendi li ghamel fir-relazzjoni tieghu.

Il-Perit tekniku spejga li kellhom isiru xi aggustamenti fil-valutazzjoni f'[1.2] u fil-valuri tal-qasmiet u ghalhekk xi figuri fil-faccati rilevanti gew emendati. Il-faccati bil-valuri emendati huma dawk li jidhru fil-pagni tar-rapport 54, 56, 57 u 58 li gew esibiti fil-process a fol 181 sa 184. Ghalhekk il-qsim ta' l-ishma irid isir a bazi ta' dawn il-figuri a fol. 182 et seq u mhux dawk a fol. 140 et seq.

Il-Perit spjega li ghalkemm fil-fond 85 Triq il-Kbira Zurrieq naqas il-kamrin (xxvi) ghax ma jezistix, fil-fatt kiber il-fond tal-ambjent (xxii) u dan ipatti ghall-valur li altrimenti kien ikollu jitnaqqas.

## Kontestazzjoni tal-konvenuti Gauci

Wahda mill-lanjanzi tal-konvenuti Gauci tirreferi ghall l-istima tal-fondi 84 u 85 Main Street, Zurrieq maghmula mill perit. Meta xehed in eskuzzjoni l-perit spjega li kien hemm differenza kbira fil-benefikati fiz-zewg fondi fis-sens li f'wiehed minnhom, in-numru 84,hemm aktar bini milli hemm fl-iehor, cjoe fil 85 pero bhala arja superficjali ta' art din hija kollha l-istess. Il-Perit eskluda li hemm differenza fil-valur ta' l-art u fil-fatt huwa qasam l-istess.

Il-konvenuti Gauci jilmentaw ukoll dwar il-mod tal-qasma tal-ghalqa ta' l-gherien fis-sens li dina saret b'assenjazzjoni u mhux ittelghet bix-xorti. Il-Perit xehed li hu ghamel hekk biex ma jkunx hemm wisq trasferimenti ta' flus bejniethom cjoe biex inaqqas il-gap (ara fol 71). Il-Perit spjega li huwa mexa fuq dak li qablu bejniethom il-partijiet ghal dak li jirrigwarda l-qsim tal-porzjonijiet. Ghalhekk mhux il-kaz li dawn jitilghu bix-xorti.

## Kontestazzjoni atturi

L-atturi qablu mal-pjan ta’ divizjoni sottomess mill-perit tekniku.

**Kontestazzjoni tal-konvenuta Polly Zammit.**

Il-konvenuta Polly Zammit qablet mal-perit fejn dan qal li hija ghandha zzomm il-post li qed tokkupa.

**Konsiderazzjonijiet**

Il-Perit tekniku gie nominat biex jaghmel pjan ta’ qasma biex jigu divizi l-erba kwoti f’porzjonijiet ugwali biex jigu assenjati lill partijiet bix-xorti jew altrimenti.

Fir-relazzjoni tieghu l-perit spjega ghaliex xi partijiet fil-kawza ser izommu l-fond li prezentement huma jokkupaw u r-raba se titla bix-xorti. Il-Qorti hi tal-fehma li r-raguni li gab il-perit hija wahda logika u ghalhekk qeda tigi adottata.

Kwantu ghall gjardina l-perit xehed li dina kienet il-problema principali li kien hemm bejn xi partijiet u qatt ma kien hemm dubbju li dina kellha tinqasam imma l-problema kien biss kif ser tinqasam. Fil-fatt fil-pjan li pprezenta l-perit u fil-kalkoli tieghu, dina d-divizjoni giet inkluza u anke saru xi emendi (fol. 186) u l-Qorti ser tadotta d-divizjoni proposta mill-perit.

Naturalment biex setghet issir dina d-divizjoni f’fondi li darba kienu fond wiehed, bilfors kellhom jinholqu servitujiet ta’ passagg minn porzjon ghall iehor u dawn gew mehuda in konsiderazzjoni mill-perit fil-kalkoli tieghu.

L-istitut tal-prova permezz ta’ perizija huwa intiz sabiex l-Qorti tkun tista’ tistabilixxi fatti rilevanti ghall-mertu ta’ kawza illi jkunu ta’ natura tali illi jirrikjedu tahrig specjali jew specjalizzat appuntu sabiex jigu determinati.

Il-Qorti tista' ghal raguni valida u konvincenti tiskarta l-konkluzzjoni peritali imma biex taghmel dan il-Qorti irid ikollha quddiemha <u>provi</u> <u>ohra</u> li jkunu diga' gew akkwiziti fil-process jew billi jkun hemm konkluzjonijiet diversi

f'relazzjoni ta' periti addizzjonali jew altrimenti dak li jkun afferma l-perit tekniku jkun gie skossat meta dan jixhed in eskussjoni.

Il-Qorti, wara li ezaminat il-provi, u wara li rat ir-rapport tal-perit nominat, u x-xhieda tieghu n-eskuzzjoni, hija tal-fehma li l-kostatazzjonijiet maghmulin mill-perit, kif ukoll il-konkluzzjonijiet minnu raggjunti u l-pjan ta’ divizjoni suggerit, huma gusti u korretti u ghandhom jigu adottati.

**Eccezzjoni tal-konvenuti Gauci a fol. 19.**

Il-konvenuti Gauci kienu ecceppew illi l-atturi messhom talbu wkoll il-likwidazzjoni u divizjoni tal-komunjoni tal-akkwisti gia’ esistenti bejn Maria Sammut u zewgha Saviour Sammut u tal-assi partikolari ta’ Saviour Sammut.

Illi mix-xhieda prodotta jirrizulta li l-fondi mertu ta’ dina d-divizjoni kienu gejjin minn naha ta’ l’omm. Inoltre ma kienet saret ebda denunzja fuq l-assi tal-missier billi kienet il-gwerra. Jigi rilevat pero’ li dwar dina l-eccezzjoni l-partijiet ma nsistewx u ghaddew biex gabu l-provi biss fuq l-assi ta’ l-omm. Ghalhekk l-eccezzjoni qed tigi michuda.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi
Il-Qorti tiddeciedi billi
tordna l-likwidazzjoni tal-beni ta’ l-eredita ta’ Maria Sammut;
tordna li jsiru l-konferimenti dovuti skond it-testment datat 10 ta’ Marzu, 1970 redatt quddiem in-Nutar Chappelle, li ghandhom jigu divizi f’erba’ kwoti u porzjonijiet ugwali kif hemm indikat fir-rapport tal-perit Fredrick Doublet a fol. 182 sa 184;

Sehem numru 1 lill Carmela Gauci,
Sehem numru 2 lill Polly Zammit
Waqt li l-ishma numri 3 u 4 jittellghu bix-xorti bejn iz-zewg werrieta l-ohra

Tinnomina lill Dr. Audrey Demicoli bhala kuratur deputat biex tirrappresenta lill-eventwali kontumacja fuq l-att relattiv ta’ qasma.

Spejjez jithallsu wgwalment bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------